# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 26 ta' Ottubru 2021

## Talba numru 21/2021SFJ

***TCB SERVICES LIMITED (C79183)***

***VS.***

***HUSH LIMITED (C59457)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2021 li permezz tiegħu ġie premess u mitlub:

> "*Illi l-konvenuta għandha tiġi kkundannata minn dan l-Onorabbli Tribunal tħallas lill-attriċi elfejn u mija u tnejn u ħamsin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€2,152.32) piu imgħax legali rappreżentanti servizz ta' sub-contracting ta' impjegat, liema persuna già tħallas mill-attriċi u liema somma tinkludi l-VAT fl-ammont ta' €328.32. Tali somma dovuta hija kkalkulata bir-rate for this service ta' €6.25 fis-siegħa sal-aħħar ta' Diċembru 2019 u €6.40 fis-siegħa (awment COLA) mill-1 ta' Jannar 2020 VAT eskluża. Illi nonostante interpellata tħallas, din baqgħet inadempjenti anzi offriet li tħallas somma inferjuri u ghalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta minn issa inġunta għas-subizzjoni.*"

Ra li s-soċjetà konvenuta ġiet innotifikata bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali;

Ra li s-soċjetà konvenuta ma ppreżentat ebda Risposta jew sottomissjoni oħra kwalsiasi u lanqas dehret għal xi udjenza sabiex tikkontesta l-kawża; u

Sema' ix-xhieda ta' Claire Borg Johnson, prodotta mil-istess soċjetà attriċi, li xehed fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2021, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' Ottubru 2021.

**Provi mressqa**

It-Tribunal ra li fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2021 xehdet Claire Borg Johnson, prodotta mis-soċjetà attriċi. Din xehdet li s-soċjetà konvenuta kienet debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba u li l-istess soċjetà konvenuta kienet għamlet pagament ta' ħames mija u tmienja u tletin Ewro u tmien ċenteżmi (€538.08). Ix-xhud ippreżentat dokument "CBJ1", liema dokument jindika li l-pagament relattiv sar fit-2 ta' Lulju 2020 pernezz ta' *bank transfer*. Għalhekk, huwa ċar li s-soċjetà attriċi għandha tieħu l-ammont reklamat, *meno* l-ammont li sar permezz tal-*bank transfer*.

Għalhekk, it-Tribunal huwa sodisfatt li s-soċjetà attriċi għandha tieħu elf u sitt mija u erbatax-il Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€1,614.24).

**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Fid-dawl tax-xhieda ta' Claire Borg Johnson, it-Tribunal huwa sodisfatt li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' elf u sitt mija u erbatax-il Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€1,614.24).

**Deċide**

Għaldaqstant, wara li sema' ix-xhieda ta' Claire Borg Johnson, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-atturi limitatament għal elf u sitt mija u erbatax-il Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€1,614.24) u jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-istess ammont lis-soċjetà attriċi.

It-Tribunal jordna li l-interessi għandhom jiġu kkalkulati b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi u jordna li l-imgħax għandu jiġi kkalkulat separatament mid-data ta' kull fattura, b'dan li s-soċjetà attriċi għandha tieħu qies tal-ammont imħallas diġà mis-soċjetà konvenuta u tara li ma jitħallsux interessi fuq l-ammont diġà mħallas.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**